**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 16 TA' SETTEMBRU 2015**

**SPETTUR RODERICK AGIUS**

**VS**

**WENDY GAUCI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Wendy Gauci bint Nazzareno u Mary Ann nee' Galea, mwielda Pieta' fis-16 ta' Ottubru 1989 residenti f' Anfield Flat 2, Triq il-Mejjilla, Qormi u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 44189M;

Talli;

1) fis-6 ta' Awwissu 2014 ghal habta tad-21.oohrs fi Triq San Bastjan Qormi u f' dawn il-Gzejjer, volontarjament hassret jew ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammona ghal aktar minn 1164.69 euro u dan ghad-detriment ta' Ramona Magri u/jew persuni ohra;

2) fl-istess lok, hin u cirkostanzi kisret il-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;
3) aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebbet minghajr ma darbet lil Ramona Magri;
4) f’ kaz ta’ htija l-Qorti umilment hija mitluba illi tiskwalifika lill-imputata minn kull tip ta’ licenzja tas-sewqan ghal perjodu li jidrilha xieraq;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-parti leza, debitament imwissija minn din il-Qorti, ghazlet li ma tixhedx f’dawn il-proceduri;

Rat illi, ghalhekk, ma hemmx provi sufficjenti kontra l-imputata f’dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 15(1) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**